

Is-Seba' Ħadd tal-Għid

# Aħbar Tajba

Atti 1, 1-11
Salm 46 (47), 2-3.6-7.8-9
Lhud 9, 24-28; 10, 19-23
Lq 24, 46-53

"U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri.
**Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu."**

Ħadd ma jieħu gost jinfired minn sieħbu. Wisq inqas meta dan se jħallik għal żmien twil ħafna. Ħafna drabi, l-aħħar ftit ġimgħat, il-ħbieb jippruvaw jiltaqgħu sikwit u dak inhar li jkun se jħallihom, arahom jiltaqgħu l-ajruport biex jagħtuh l-aħħar tislima. X'uħud forsi bi ftit dmugħ f'għajnejhom u qabel ma jaqbad il-bagalja u jgħaddi mix-xatba li tagħti għall-ajruplan, arahom wieħed wara l-ieħor jgħannqu lil xulxin. Hekk jagħmlu l-ħbieb! Madankollu llum ngħixu f'dinja fejn id-distanzi ma jaqtgħux il-komunikazzjoni għal kollox. Illum nistgħu nibagħtu messaġġi lil xulxin anke jekk inkunu fuq kontinenti differenti. Jekk trid tikteb ftit iktar fit-tul tista' tibgħat email jew anke ttella' xi ritratti fuq social network. Hemm ukoll il-possibiltà li titkellem ma' sħabek u tarahom permezz ta' cameras żgħar li llum issibhom kważi fuq kull device li jkollok, mill-kompjuter tad-dar sal-mobile li jkollna fil-but. Kultant għad hawn min jieħu gost jibgħat xi kartolina b'ritratt ta' post famuż li jkun żar u fuqha jikteb xi ħsieb qasir. Fi ftit kliem, għalkemm tant bogħod minn xulxin, f'ċertu sens nibqgħu viċin.

Fil-qari tal-lum, Ġesù għaddej minn esperjenza simili. Qed jiltaqa' għall-aħħar darba mal-akbar ħbieb tiegħu. Kienu qattgħu tliet snin mill-isbaħ. Mhux għax ma kienx hemm mumenti diffiċli, imma dawk għaddew u issa kienu saru familja waħda. Iżda issa Ġesù kien wasal iż-żmien li jħallihom. Għalkemm dak iż-żmien ma kinux jeżistu l-faċilitajiet li għandna llum biex nikkomunikaw, u fejn kien sejjer ma setax jibagħtilhom anqas ittra, Ġesù jwegħedhom li xorta kien se jibqa' magħhom. L-aħħar kliem tiegħu hu u tiela' s-sema hu li kien se jibagħtilhom għajnuna speċjali li biha qatt ma jħossuhom waħedhom aktar.

Permezz ta' din l-għajnuna – l-Ispirtu s-Santu – l-appostli kienu se jġorru ġewwa fihom lil Alla nnfisu. Wara tliet snin ta' esperjenzi, li fihom kultant irnexxielhom jifhmu lil Ġesù u drabi oħra ma tantx, issa kienu lesti li jħallu lil dan l-Ispirtu jibdilhom f'dak li Alla xtaqhom ikunu. Hekk saru mexxejja kbar li kkonvertew mijiet ta' nies u bnew il-Knisja tagħna. Illum insejħulhom qaddisin, imma dak li għamilhom nies hekk kbar kien li ma baqgħux jagħmlu ta' rashom imma ħallew lil Alla jaħdem fihom. Imma qatt irrealizzajtu li dak l-istess Spirtu jinsab fina wkoll? Kulma qed jistenna hu li nħalluh jaħdem fina u hekk nibdew ninbidlu u nsiru dak li Alla jixtieqna nkunu, qaddisin!

## Sib il-Kelma

Imxi mas-soluzzjoni t'hawn isfel biex issib il-kliem moħbi fin-numri

1 (IE) 2 (Ħ) 3 (X) 4 (M) 5 (L) 6 (P) 7 (Q) 8 (S) 9 (U) 10 (A)

11 (T) 12 (D) 13 (S) 14 (R) 15 (E) 16 (W) 17 (J) 18 (F) 19 (I) 20 (V)

12 - 19 - 3 - 3- 19 - 6 - 5 - 19

4 - 15 - 13 - 13 - 19 - 17 - 10

11 - 1 - 5 - 15 - 11

4 - 19 - 13 - 13 - 1 - 14 - 19

7 - 10 - 16 - 16 - 10

4 - 15 - 16 - 11

13 - 15 - 4 - 10

11 - 15 - 4 - 6 - 17 - 9

18 - 15 - 14 - 2





## Il-Qalb ta' Ġesu': Qalb li tħobb...Qalb li tħoss!

Matul ix-xahar ta' Ġunju naħsbu ftit dwar din il-Qalb ta' Ġesu', qalb ta' bniedem u Alla. U għax Ġesu' għandu qalb ta' bniedem, iħobb bl-istess mod kif aħna nħobbu lil dawk għeżież għalina, imma jħoss ukoll bħal meta aħna nħossu jekk xi ħadd iweġġgħana.

Għalhekk tkun ħaġa tajba li matul dan ix-xahar niftakru ftit aktar fl-imħabba li Ġesu' għandu għalina, u nirringrazzjawh talli dejjem jaħseb biex jibgħatilna persuni li jħobbuna u jieħdu ħsiebna. U kif ser inpattulu lura għal din l-imħabba li jurina?

Ġesu' ma għandux bżonn l-imħabba tagħna, imma jistenniha għax irid li aħna naprezzaw l-imħabba tiegħu. Allura kif ser inħobb lura lil Ġesu' jekk mhux qiegħed ħdejja u ma narahx kif nara lil dawk il-persuni l-oħra li nħobb? Propju permezz ta' dawn il-persuni rrid nuri l-imħabba tiegħi lejn il-Qalb ta' Ġesu'.

Lil Ġesu' nkun qed inħobbu meta nuri rispett lejn il-ġenituri, l-għalliema u dawk li jieħdu ħsiebi. Lil Ġesu' nkun qed inħobbu meta nġib ruħi sew kull fejn inkun u ngħin lil sħabi anke jekk ma tantx naqbel magħhom. Lil Ġesu' nkun qed inħobbu meta ma nweġġax lil ħaddieħor bi kliemi. Jekk nibda b'dawn l-affarijiet żgħar ta' kuljum, inkun qed nagħmel il-ħajja tiegħi u ta' dawk ta' madwari ħafna isbaħ. Għalhekk kull meta nsib ruħi f'diffikulta' biex ngħix kif jixtieqni Ġesu', niftakar ngħidlu din it-talba żgħira: 'Qalb ta' Ġesu', Jiena Nafda Fik.'



*Qalb ta' Ġesu' Jiena Nafda Fik*


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**Promozzjoni**

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

media**centre**

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

media**centre** YOUTHEME FOUNDATION